21 ta' Frar, 1996

Imhallfin:-

S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL. D. - President
Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.
Onor. Noel V. Arrigo LL.D.

Charles Spiteri *et noe*

*versus*

*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Tribunal Imparzjali - Indipendenti - Awtorita` ta' l-Ippjanar - Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar - Deċiżjoni ta' - Appell minn - Liġi - Punt ta' - Ġurisdizzjoni - Avviż ta' Twettiq - Proċeduri Kriminali**

*Ir-rikorrent kien ġie nnotifikat b'avviż ta' twettiq dwar bini li kien sar qabel ma daħal in vigore l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-1992. Ir-rikorrent kien ukoll għaddej proċeduri kriminali minħabba l-fatt ta' dan il-bini. Ir-rikorrent kien appella mill-avviż ta' twettiq imma l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien iddeċieda li ma kellux ġurisdizzjoni. Ir-rikorrent allega li kienu ser jiġu vvjolati d-drittijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti jekk l-avviż ta' twettiq jiġi esegwit qabel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u li l-poteri ta' l-Awtorita` kienu leżivi ta' l-istess dritt. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba in kwantu ordnat li ma jkunx hemm esekuzzjoni ta' l-avviż tat-twettiq qabel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u ċaħdet it-talbiet l-oħra tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-avviż tat-twettiq kien soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord li ma kellux ġurisdizzjoni kienet skorretta u minn dik ir-rikorrent messu appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell billi kien hemm punt ta' liġi involut. Għalhekk kien il-każ li l-Qorti tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha billi r-rikorrent kellu rimedju li ma avvaliex ruħu minnu. B'dan kollu dan ma kienx jimmilita mar-raġunament ta' l-ewwel Qorti li wasslitha biex tordna li l-avviż tat-*

*twettiq ma jiġix esegwit qabel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk dan l-ordni tal-Prim'Awla ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża fejn ir-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti bi ksur ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Fir-rikors promotorju Charles Spiteri espona:

"Illi hu ġie mressaq quddiem *il-Qorti tal-Maġistrati ta'* Għawdex talli fi Triq ta' Briegħen, Għajnsielem, għamel xogħol ta' bini mhux skond il-permess;

Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar infurmat lir-rikorrent li fit-3 ta' Ġunju, 1994 kienet ser twaqqa' l-bini. Il-bini llum hu proprjeta` ta' Jane u Joseph Xerri;

Illi l-aġir ta' l-Awtorita` mingħajr ma tistenna l-eżitu tal-kawża, qed tipprriva lir-rikorrenti mid-dritt li hu protett bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċjoe` li tipproteġi d-dritt ta' smigħ quddiem Tribunal imparzjali u indipendenti;

Talab li dina l-Qorti tiddikjara li l-intimat bl-aġir tiegħu se jikser l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u effettivament kiser l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni

u (b) tiddikjara li l-poter li jista' għandu l-intimat jilledi l-istess dritt, (3) tagħti dawk il-provvedimenti u r-rimedji neċessarji u opportuni";

L-Ewwel Qorti hekk elenkat il-fatti rilevanti:

"Jirriżulta bħala fatt li Charles Spiteri kien tħarrek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talli bena mhux skond il-permess (fol. 19);

Kien inħareġ *enforcement order* fil-11 ta' Mejju, *1993* (fol. 41);

Fit-3 ta' Diċembru, 1993 il-Bord ta' l-Appell ċaħad l-appell tar-rikorrent *billi ddikjara li l-Bord m'għandux ġurisdizzjoni biex* jisma' u jittratta l-appell;

Ir-rikorrent ittrasferixxa l-post lil oħtu fit-13 ta' Mejju, 1994 b'kuntratt (fol. 17);

Fil-15 ta' Ġunju, 1994 ir-rikorrent irċieva ittra (ara fol. 20) mill-Awtorita' li jekk ma jottemperax ruħu mal-liġi, il-fond kien ser jitwaqqa' fit-30 ta' Ġunju, 1994;

Il-kawża kriminali tkompliet kontra r-rikorrent;

Imbagħad ir-rikorrent fit-28 ta' Ġunju, 1994 (jumejn qabel kellha tiġi enforzata l-ordni) għamel dina l-kawża u qed isostni li din hija kwistjoni ta' natura kriminali u l-Bord m'għandu ebda dritt li jiddeċidi fuq akkuża kriminali mingħajr ma jkun miġjub quddiem Qorti imparzjali u indipendenti";

L-Ewwel Qorti hekk ikkunsidrat dwar dawn il-fatti:

"Dwar l-ewwel talba tar-rikorrent jirriżulta li l-kawża kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għadha pendenti u tirrigwarda l-istess meritu. *Jirriżulta li* waqt *li kienet għaddejja dina* l-kawża, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar infurmat lil Charles Spiteri li fit-30 ta' Ġunju, 1994 (ara dok a fol. 20) l-Awtorita' kienet ser twaqqa' l-fond bi *spejjeż* tiegħu. Il-Qorti m'għandhiex dubbju li l-Awtorita` għandha l-poter li tenforza l-ordni li tkun ħarġet, iżda una volta li jkun hemm kontestazzjoni fil-Qorti jew *persuna* tkun tressqet il-Qorti fuq l-istess ordni, dak li jkun għandu dritt li jkollu *a judicial determination of the charges brought against him* qabel ma tiġi enforzata dika l-ordni u l-Awtorita` għandha tistenna l-eżitu tal-kawża;

Dwar it-tieni talba tar-rikorrent fejn hu qed jitlob li jiġi ddikjarat li l-Bord ta' l-Appell mhux "Qorti imparzjali u indipendenti", il-Qorti tirrileva dan li ġej:

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fond in kwistjoni nbena qabel l-1992 ċjoe` qabel daħal *in vigore* l-Att I ta' l-1992. L-ordni kontra *r-rikorrent ħarġet taħt l-artikolu 52(3) ta' l-Att ta' l-1992 (ara dok. a* fol. 41);

L-artikolu 52(3) ta' dan l-Att jirreferi għal 'żvilupp ta' art li jkun sar wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att jew li xi kundizzjonijiet l-għoti ta' permess meħtieġ għalhekk skond dan l-Att, jew li xi kundizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti dwar xi żvilupp kien suġġett ma ġewx imħarsa";

Billi f'dana l-każ ir-rikorrent qed jattakka korp kostitwit taħt

dana l-Att u billi l-artikolu ċċitat ta' dana l-Att, fil-każ in eżami jidher li ma japplikax billi l-bini sar qabel l-1992, tant li anke l-Bord ta' l-Appell iddikjara illi t-talba ma taqax fil-ġurisdizzjoni tiegħu, il-Qorti għalhekk ma tistax tissindika *in abstracto* fuq il-kostituzzjonalita` ta' dak il-Bord, li anke ddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni";

Is-sentenza appellata hekk ikkonkludiet:

"Il-Qorti in vista tal-premess tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, tiċħad it-tieni talba u dwar it-tielet talba tordna lill-intimat li jistenna l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qabel ma jipproċedi oltre";

Minn din is-sentenza appella ċ-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Din il-Qorti jidhrilha opportun li tirriproduċi l-aggravji għax dawn huma sostanzjalment korretti fil-liġi in kwantu jikkontestaw il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti illi l-artikolu 52 (3) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ma japplikax għall-każ taħt eżami "billi l-bini sar qabel l-1992 tant li anke l-Bord ta' l-Appell iddikjara illi t-talba ma taqax fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Il-Qorti għalhekk ma tistax tissindika *in abstracto* fuq il-kostituzzjonalita` ta' dak il-Bord li anke ddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni";

Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddatata 3 ta' Diċembru, 1993 tikkonsidra l-appell tar-rikorrent minn deċiżjoni meħuda mill-***Planning Area Permits Board*** tas-26 ta' Marzu, 1992 allura qabel ma ġie fis-seħħ l-Att Nru. 1 ta' l-1992. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddeċieda illi "dan il-Bord ma jistax jieħu konjizzjoni ta' dan l-Appell in kwantu dan il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, dan il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar

għandu ġurisdizzjoni biss fil-konfront ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u mill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp u mhux mill-*Planning Areas Permit Board* li kien jeżisti qabel ma ġie fis-seħħ l-imsemmi Att, u li wara li ġie fis-seħħ l-imsemmi Att, il-funzjonijiet tiegħu ġew imgħoddija lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar". Il-Bord ta' l-Appell għalhekk qata' u ddeċieda illi huwa ma kellux ġurisdizzjoni biex jisma' u jittratta l-appell;

Il-Qorti tikkunsidra:

Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell ċertament kienet taggrava lir-rikorrent li appella *quddiemha* wara li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet ħarġet kontra tiegħu *enforcement notice* bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52 (3) u 51 (2) ta' l-Att Nru. 1 ta' l-1992. Kienet tippreġudikah għaliex kienet qed iċċaħdu mid-dritt ta' ridress kontra d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li ordnatlu li jwaqqa' l-bini allegatament abbużiv waqt li kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri kriminali kontra tiegħu li fihom kienet qed tintalab li tiġi fuqu imposta l-istess sanzjoni tat-twaqqigħ;

Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell kienet ċertament fuq punt ta' dritt in kwantu kienet *tinvolvi determinazzjoni ta' materja ta'* kompetenza li bħala riżultat tagħha l-Bord iddikjara lilu nnifsu eżawtorat li jieħu konjizzjoni tal-meritu ta' l-appell quddiemu bħala konsegwenza ta' ritrattazzjoni tal-provvedimenti leġislattivi in materja. Ċertament ma kinitx materja ta' fatt. Żgur allura li r-rikorrent kellu dritt ta' appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell. "Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell" (artikolu 15(2));

Ir-rikorrent għar-raġunijiet tiegħu li ma jirriżultawx mill-proċess ma appellax quddiem il-Qorti ta' l-Appell kontra din id-deċiżjoni. Ġeneralment appell ta' din ix-xorta jinteressa ukoll lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar in kwantu s-sentenza kienet tiddifinixxi parametri tal-ġurisdizzjoni ta' l-organu kważi ġudizzjarju stabbilit bil-liġi biex jissindika l-operat tagħha u għandu konsegwenza illi d-deċiżjoni oriġinali ta' l-Awtorita`, li inforza tagħha ħareġ l-Avviz ta' Twettiq tal-11 ta' Mejju, 1993 sar definittiv u esegwibbli skond il-liġi;

Il-fatt li r-rikorrent ma kompliex bil-proċeduri ulterjuri ta' appell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell, seta' jwassal għall-possibbilita` li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u din il-Qorti Kostituzzjonali jirrifjutaw l-intervent tagħhom billi r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu fil-liġijiet ordinarji mezzi adegwati li setgħu jipprovdulu rimedju, jekk ikollu raġun, fuq dak li jkun qed jillamenta minnu. Dana a tenur tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jgħid:

"iżda l-Qorti tista', **<u>jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel</u>**, tirrifjuta li teżerċita` s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat, huma, jew kienu, disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra". Kif qalet din il-Qorti diversament komposta fil-kawża b'fattispeċje analogi taħt dan l-aspett fl-ismijiet **Emanuele Morguello *proprio et nomine vs Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar *et***: "bin-nuqqas tiegħu stess huwa (ir-rikorrent) irrinunzja għall-mezzi finali u importanti offerti mil-liġi ordinarja, biex kif jgħidu fil-ġurisprudenza "il ricorrente non avendo adoperato i mezzi idonei per far valere la sua ragione" - din il-Qorti ma tistax ma taqbilx li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha raġun li

tqis li kien prudenti (kif messha kienet f'dan il-każ) li tirrifjuta li teżerċita' l-ġurisdizzjoni tagħha fil-kwistjoni billi r-rikorrenti kien naqas li jadopera dawk il-mezzi xierqa għal rimedju tal-lanjanza tiegħu li l-liġijiet ordinarji tal-pajjiż poġġew għad-disposizzjoni tiegħu";

Din il-Qorti kienet tkun ippreparata anke f'dan il-każ li teżerċita' d-diskrezzjoni li għandha taħt is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li kieku ma kienx għaliex (1) l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kellhiex hekk tagħmel u allura Qorti ta' Reviżjoni għandha qabel xejn tirrispetta l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, u (2) jidher li d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell li m'għandhiex ġurisdizzjoni fuq il-meritu mhijiex sostenibbli fil-liġi. Infatti is-subinċiż (a) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att 1 ta' l-1992 li jitkellem fuq il-funzjonijiet tal-Bord jipprovdi li "il-Bord ikollu ġurisdizzjoni (a) li jisma' u jiddeċidi appelli magħmula minn min ikun (bħar-rikorrent) aggravat b'deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar <u>dwar kull ħaġa</u> ta' kontroll ta' l-iżvilupp <u>inkluż it-twettiq ta' dak il-kontroll</u>". Indubbjament il-meritu tad-deċiżjoni ta' l-Awtorita' tal-11 ta' Mejju, 1993 kienet "<u>Avviż ta' Twettiq</u>". Il-liġi ma tiddistingwix imbagħad ta' liema xorta għandu jkun il-kontroll ikun effettivament ingħata bidu mill-istess Awtorita' u mhux mill-*Planning Area Permits Board*;

Is-segwenti sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward huma legalment korretti:

"Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat li l-artikolu 52(3) jirreferi għal "żvilupp ta' art li jkun sar wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ..." u għalhekk iddikjarat li m'għandhiex tissindika *in abstracto* fuq il-kostituzzjonalita' tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

Illi fl-umili fehma ta' l-esponenti *nomine* dan il-fil ta' raġonament mhux korrett u dan għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ewwel lok naqset għal kollox li tikkonsidra l-provvedimenti ta' l-artikolu 51(2) ta' l-istess Att Nru. 1 fejn fost affarijiet oħra jingħad espressament li "l-Awtorita` għandha wkoll tirrevedi l-iżvilupp kollu li sar qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr ma ġew osservati l-pjanijiet jew il-*policies* fis-seħħ fiż-żmien li l-iżvilpp ikun sar; **u dwar kull żvilupp bħal dan l-Awtorita` ikollha s-setgħat kollha li għandha dwar żvilupp li isir wara li jibda jseħħ dan l-Att biex tiżgura ...**";

Illi għalhekk jidher ċar illi skond dan l-artikolu 51 (2) l-esponenti *nomine* għandu d-dritt li jieħu azzjoni, skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess Att, (inkluż għalhekk il-ħruġ ta' Avviż ta' Twettiq) fil-konfront ta' kull kostruzzjoni li tkun saret kemm qabel u kemm wara l-bidu fis-seħħ ta' l-istess Att;

Illi l-esponenti *nomine* jissottometti bir-rispett li din hi konklużjoni loġika u neċessarja ħalli tiżgura li l-iżvilupp kollu fil-pajjiż ikun suġġett għall-istess miżuri da parti ta' l-esponenti *nomine* u dan iżjed jiftiehem meta wieħed iqis li l-iżvilupp ta' din ix-xorta qed isir matul medda ta' żmien, waqt li l-bidu fis-seħħ ta' Att hu bil-fors mument wieħed partikolari u kien għalhekk li l-leġislatur ipprovda espressament, permezz ta' dan l-artikolu, li dawn is-setgħat ta' l-esponenti *nomine* kellhom japplikaw għal kull żvilupp kemm dak li sar qabel u kif ukoll dak li sar wara l-bidu fis-seħħ tal-liġi";

Din il-Qorti allura tasal għad-deċiżjoni illi l-Bord ta' l-Appell kellu ġurisdizzjoni li jikkonsidra l-meritu ta' l-appell miġjub quddiemu mir-rikorrent appellat. Għall-kuntrarju l-ewwel Qorti

waslet għall-konklużjoni opposta mhux minn eżami tal-provvediment tal-liġi imma billi ħadet bħala korretta d-deċiżjoni żbaljata tal-Bord ta' l-Appell. "Billi f'dan il-każ ir-rikorrent qed *jattakka korp kostitwit taħt dan l-Att (il-Bord ta' l-Appell) u billi l-*artikolu ċċitat ta' dan l-Att fil-każ in eżami jidher li ma japplikax billi l-bini sar qabel l-1992, tant li anke il-Bord ta' l-Appell iddikjara li t-talba ma taqax fil-ġurisdizzjoni tiegħu, *il-Qorti għalhekk ma* tistax tissindika *in abstracto* fuq il-kostituzzjonalita` ta' dak il-Bord". Għalhekk ċaħad it-tieni talba. Ċaħda li l-appellant aċċetta formalment tant li qed jitlob il-**konferma** ta' din il-parti tas-sentenza pero` għal raġunijiet ta' konvenjenza għax, għall-bqija, l-appell hu kollu kemm hu kritika tal-fatt li l-Bord ta' l-Appell **kellu** u mhux li **ma kellux** ġurisdizzjoni fuq il-fatti tal-każ;

L-appell in kwantu jirreferi għall-kompetenza tal-Bord ta' l-appell li jissindika l-fatti meritu tal-kawża jirriżulta allura fondat. Bħala konsegwenza hi valida ukoll is-sottomissjoni illi nonostante d-dikjarazzjoni tal-Bord ta' l-Appell li ma kellux tali ġurisdizzjoni - l-appellat kellu r-rimedju li jinterponi appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell **anke kontra d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell** li ma kienx kompetenti jieħu konjizzjoni tal-meritu;

*Mill-banda l-oħra hu stabbilit illi l-appellat stess irrikonoxxa* illi l-*materja kienet* taqa' *fil-kompetenza tal-Bord ta'* l-*Appell tant* li hu stess irrikorra quddiemha u ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tagħha. Hu allura inspjegabbli kif hu ma kompliex l-*iter* tal-proċeduri traċċjati u miftuħa quddiemu bil-liġi u ma appellax minn deċiżjoni magħmula mill-Bord ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Dan in-nuqqas għandu jirriżulta fatali għall-appellat. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li hu l-każ li tqis li hu desiderabbli li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif saġġament

jiddisponi l-*proviso* ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni li japplika ukoll għal-lamenti li jsiru minħabba allegati vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kif jispeċifika l-artikolu 4 (7) ta' l-Att XIV ta' l-1987, Kap. 319. Konsegwentement mhux il-każ li f'din l-istanza l-Qorti tinoltra ruħha f'investigazzjoni dwar jekk il-Bord ta' Appell kienx jew le organu ġudizzjarju indipendenti u imparzjali biex jiddetermina d-drittijiet tar-rikorrent in kwantu dawn id-drittijiet pretiżi mill-istess rikorrent setgħu ċertament jiġu adegwatament ittutelati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Il-Qorti finalment tinnota b'apprezzament illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma pproċedietx bl-infurzar ta' l-avviż tat-twettieq pendenti dawn il-proċeduri u pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Fir-rigward ta' l-ewwel talba l-appellant ma ddeduċa l-ebda aggravju u l-Qorti ma tarax kif tista' allura tikkonsidra r-revoka ta' dak li ddeċidiet is-sentenza appellata meta qalet: "Il-Qorti m'għandhiex dubbju li l-Awtorita` għandha l-poter li tinforza l-ordni li tkun ħarġet iżda una volta li jkun hemm kontestazzjoni fil-Qorti, jew persuna tkun tressqet il-Qorti fuq l-istess ordni (għad hemm pendenti kontra l-appellat proċeduri kriminali) dak li jkun għandu dritt li jkollu *a judicial determination of the charges brought against him*, __qabel__ ma tiġi nforzata dik l-ordni u l-Awtorita` għandha tistenna l-eżitu tal-kawża". Din il-Qorti ma tara xejn x'jiċċensura f'din il-konsiderazzjoni u fin-nuqqas ta' aggravju fir-rigward da parti ta' l-appellant ma ssibx li tista' tissindika dik il-parti tas-sentenza;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrent u ordnat lill-intimat li jistenna l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qabel jipproċedi oltre. Tiddikjara li l-Bord ta' l-Appell

kien kompetenti li jikkonsidra u jiddeċidi dwar il-meritu miġjub quddiemu għall-esekuzzjoni ta' l-avviż tat-twettiq imsemmi fir-rikors u billi l-istess appellat kellu allura rimedju adegwat għalih għar-ridress tad-drittijiet tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li minnu hu ma użufruwiex, tiddikjara li huwa desiderabbli li tiġi lilu rrifjutata l-ġurisdizzjoni speċjali kkonferita mill-Kostituzzjoni u issa anke mil-Kap. 319 qudiem din il-Qorti Kostituzzjonali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bin-nofs bejn il-kontendenti.